*Ħsarat: Danni*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' April, 2021**

**Numru 10**

**Rikors Numru 532/18TA**

**Gordon Bartolo (K.I. Nru: 538579M) u**
**Marouska Bartolo (K.I. Nru: 553483M)**

**vs**

**Bolin Construction Limited (C 8698) u b'digriet tal-20 ta' Ottubru, 2020 ġiet imsejħa fil-kawża Small Properties Limited (C 29977)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2018 u maħluf minn Marouska Bartolo fl-istess data li permezz tiegħu l-atturi talbu s-segwenti:-

"**<u>Dikjarazzjoni</u>**

1. Illi in forza ta' kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Alicia Agius tal-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) ir-rikorrenti aħwa Bartolo xtraw il-garaxx li jġib numru mhux uffiċjalment immarkat bin-numru sitta (6) formanti parti min kumpless ta' garaxxijiet, li jinsab fil-livell *basement*, u li huwa aċċessibbli minn *drive in* privata li tiżbokka fi Triq Wigi Rosato, Bormla. Vera kopja tal-kuntratt ta' akkwist jinsab hawn anness u mmarkat bħala **Dok MB1**.

2. Illi s-soċjeta` intimata hija proprjetarja tad-*drive in* sovrastanti l-garaxx proprjeta` tar-rikorrenti.

3. Illi l-garaxx propjeta` tal-esponenti qed ikun soġġett għall-perkolazzjoni ta' ilma mid-*drive in* sovrastanti proprjeta tas-soċjeta` intimata, liema sitwazzjoni tkun l-aktar gravi kull meta tagħmel ix-xita.

4. Illi tali perkolazzjoni ta' ilma fil-garaxx tar-rikorrenti qed tikkawża ħsara estensiva fl-istess garaxx proprjeta tar-rikorrenti, u dan kemm fis-saqaf kif ukoll fil-ħitan tal-istess fond, liema ħsara ġiet ikkonstata mill-Perit Arkitett Johann Farrugia fuq inkarigu tar-rikorrenti. Ir-rapport mħejji minnu datat 29 ta' Jannar 2017 hawn anness u mmarkat **Dok MB2**.

**<u>Talbiet</u>**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u previa kull provvediment ieħor li din l-Onor. Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi, tgħid is-soċjeta` intimata għaliex din l-Onor. Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hija unikament responsabbli għall-perkolazzjoni tal-ilma fil-garaxx propjeta' tar-rikorrenti, u għalhekk konsegwentement tiddikjara illi l-istess soċjeta` intimata unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti bil-konsegwenza tal-istess perkolazzjoni tal-ilma fil-garaxx proprjeta` tar-rikorrenti.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fil-garaxx proprjeta tagħhom okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi.

3. Tikkundanna lis-soċjeta` intimata tħallas lir-rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati.

4. Tordna lis-soċjeta` intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi stabbilit minn din l-Onor. Qorti tagħmel dawk ix-xogħolijiet rimedjali fil-proprjeta tagħhom, u dan taħt superviżjoni ta' perit arkitett nominat mill-Qorti sabiex l-ilma ma jibqax jipperkola fil-proprjeta` tar-rikorrenti.

5. Tordna lis-soċjeta` intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi stabbilit minn din l-Onor. Qorti, teżegwixxi x-xogħolijiet rimedjali fil-garaxx proprjeta` tar-rikorrenti, u dan taħt superviżjoni ta' perit arkitett nominat mill-Qorti.

6. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fl-eventwalita` illi s-soċjeta` intimata tonqos milli twettaq x-xogħolijiet indikati fir-raba (4) u l-ħames (5) talba fi żmien li jiġi lilha prefiss, iwettqu x-xogħolijiet rimedjali meħtieġa *sia* fil-propjeta` tas-soċjeta` intimata, u fil-garaxx proprjeta` tar-rikorrenti, taħt is-sorveljanza ta' periti nominandi a spejjeż tas-soċjeta` intimati.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' ittra uffiċjali u ittra legali u bl-imgħax legali kontra s-soċjeta` intimata minn issa stess inġunta għas-subizzjoni."

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Frar 2019 fejn il-Qorti nnutat li s-Soċjetá konvenuta Bolin Construction Limited waqgħet kontumaċi għaliex għalkemm notifikata kif imiss, ma ressqitx risposta maħlufa fiż-żmien mogħti mil-liġi;

Rat id-digriet mogħti fil-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2019 permezz ta' liema din il-Qorti laqgħet it-talba tal-Atturi u ordnat il-kjamat in kawża tas-soċjetá Small Properties Limited;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Novembru 2020 fejn il-Qorti nnutat li s-soċjetá kjamata in kawża Small Properties Limited ukoll waqgħet kontumaċi għaliex għalkemm notifikata skont il-liġi ma ressqet ebda risposta maħlufa fiż-żmien mogħti mil-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Frar 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

B'din il-kawża, l-Atturi qed jitolbu danni akwiljani li huma qed iġarrbu fil-garaxx proprjetá tagħhom konsegwenza ta' perkolazzjoni kontinwa ta' ilma

nieżla minn bini sovrastanti. Dan il-bini huwa proprjetá tas-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom.

Il-garaxx in mertu huwa bla numru u bla isem, mhux uffiċjalment immarkat bin-numru 6 formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet fil-livell basement aċċessibli minn *drive in* privata li tiżbokka fi Triq Wiġi Rosato, Bormla. L-atturi akkwistaw dan il-garaxx b'kuntratt tal-14 ta' Mejju 2014 fl-atti tan-Nutar Alicia Agius (a' fol 4).

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

Kif tajjeb imfisser mill-Imħallef Caruana Curran fis-sentenza tal-**Prim' Awla tat-18 ta' Awwissu 1965 fil-kawza Gaetano Spiteri proprio et nomine vs Thomas Castle (Vol. XLIX P II p 1027**) "*il-colpa akwiljana tokkorri meta d-dannu jigi kagonat f'rapport extra-kontrattwali, cioe tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew tad-dover generali neminem laedere kombinat man-negligenza taht l-artikoli 1075, 1076 [illum 1031 u 1032] tal-Kodici …*". Il-liġi permezz tal-artikolu 1033 tistabilixxi li biex ikun hemm din il-ħtija hemm bżonn li wieħed jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi.

"*Fl-ambitu ta' din il-kolpa dovuta ghan-negligenza, imprudenza jew nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias, il-ligi tinsisti fuq ir-rekwizit tal-prevedibilita` ta' l-event li jgib il-hsara lill-proprjeta` tat-terzi. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi jew*

*inverosimili*" (**Kollez. Vol. XLVIII P I p 258);" Qorti ta' l-Appell, Lawrence Zammit vs Chairman tal-Bord tat-Tmexxija Istitut ta' l-Istudji Turistiċi et, 18 ta' Mejju 2005**).

Hi wkoll dottrina elementari u magħrufa fil-ġurisprudenza tagħna li "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*" (**Kollez.** Vol. XXX. I. 142). "*Fi kliem iehor, "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuz" (***John Debono et -vs- Negte. Joseph Muscat proprio et nomine, Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960. Ara wkoll Sentenza fl-ismijiet Paul Debono -vs- Malta Drydocks, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 27 ta' April,** 2005 u kif ukoll **Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef, Qorti ta' l-Appell (Inferjuri), 6 ta' Ottubru, 2010**).

<u>**Konsiderazzjonijiet**</u>

Il-Perit maħtur mill-Qorti ikkunsidrat fir-rapport tagħha li l-ilma qiegħed fil-fatt jipperkola għal ġol-garaxx mertu tal-kawża (ara a' fol 126 konsiderazzjonijiet u para 6 a' fol 132). Hija kkonkludiet għal raġunijiet hemm indikati li s-sors ta' dan l-ilma huwa ilma tax-xita li qed "*jinżel mill-bitħa interna tal-appartament tal-ewwel sular u jgħaddi mill-vojt ta' madwar il-pajpijiet li niżlin mis-saqaf tal-livell terran*" (ara konklużjonijiet para 2 fol

132). Dan minħabba li hemm nuqqas ta' konkos mad-dawra ta' dawn il-pajpijiet (ara kostatazzjonijiet a' fol 130 para 8).

Dawn il-pajpijiet huma tal-ilma tax-xita u tad-drenaġġ kemm tal-appartament tal-ewwel sular kif ukoll ta' żewġ sulari oħra (ara konstatazzjonijiet a' fol 131 para 16). L-ilma qiegħed ukoll "*bil-mod u tul medda ta' żmien, jiskula mill-fili tal-madum u madum imkisser tal-art*" ta' din il-bitħa nterna għal fuq l-art tal-garaxxijiet fil-pjan terran. Dan peress li l-madum kien impoġġi dirett fuq il-ħamrija (ara fol 131 para 17 u 18).

Il-Perit timputa l-kaġun ta' din il-perkolazzjoni tal-ilma prinċipalment għal fatt li m'hemmx floor drain f'din il-bitħa interna biex tiġbor l-ilma tax-xita li jaqa' fl-art tal-bitħa (ara kostatazzjonijiet a' fol 131 para 17 u konklużjonijiet a' fol 132 para 2).

Skont kif ikkonstatat l-istess Perit, din il-perkolazzjoni tal-ilma qed joħloq tbajja' tal-ilma tax-xita fl-art tal-*forecourt* u *drive in* tal-garaxxijiet fil-livell terran, liema art tikkostitwixxi s-saqaf tal-garaxx in mertu billi jinstab eżatt taħtu. Dawn it-tbajja' jibdew minn taħt pajpijiet ħerġin mis-saqaf tal-pjan terran u jkomplu mal-korsa hemm indikata. L-ilma li jinfiltra qiegħed għalhekk jinġemgħa fil-ġonot ta' bejn il-planki tal-istess *drive in* u *forecourt*, jiġifieri s-saqaf tal-garaxx in meritu, li maż-żmien therrew u ffurmaw strixxi ta' kanali tal-konkos (ara eskussjoni perit a' fol 154 faċċata 2). Dan minħabba li dawn il-ġonot li mtlew bil-konkos waqt il-kostruzzjoni, ma

kienux livell mal-wiċċ tal-planki (ara konstatazzjonijiet a' fol 130 para 12 u konsiderazzjonijiet a' fol 131 para 1 sa 3) .

Strixxa minn dawn il-kanali tal-konkos ta' circa ħamsin ċentimetru tinstab viċin il-pożizzjoni tal-blata tal-bieb tal-garaxx mertu tal-kawża (ara konstatazzjonijiet para 10 a' fol 130, konsiderazzjonijiet a' fol 132 para 4 u konklużjonijiet a' fol 133 para 5). Minħabba l-ilma li pperkola u nġemgħa f'din l-istrixxa, daħal l-ilma f'din il-blata li xpakkala l-ħadid u waqqalha biċċiet tal-konkos minn taħt (ara kostatazzjonijiet a' fol 129 para 7, konsiderazzjonijiet a' fol 132 para 5 u eskussjoni a' fol 155 faċċata 2).

Il-perit ikkonkludiet li din il-ħsara fil-garaxx in kwistjoni tammonta għal **€704** (ara konklużjonijiet a' fol 133 para 6). Sabiex jinqata' s-sors tal-ilma kif ukoll l-ingress tal-ilma għal ġol-garaxx imsemmi, l-Perit ikkonkludiet ukoll li jenħtieġu xogħolijiet rimedjali kemm fil-bitħa tal-appartament fl-ewwel sular fl-ammont ta' **€1,484** kif ukoll fl-art u fis-saqaf ta' madwar il-pajpijiet tad-drive in fl-ammont ta' **€1,819** (ara konklużjonijiet a' fol 133 para 7, 8 u 9). Għalhekk l-ammont globali ta' spejjeż meħtieġa sabiex tissewwa l-ħsara kaġonata fil-garaxx in kwistjoni min din in-nixxiegħa tal-ilma u sabiex l-istess tiġi eradikata, huwa ta' **<u>€4,007</u>** (€704+€1,484+€1,819).

Il-Qorti tqis minn dan kollu li l-prova tal-culpa kif trid il-liġi ġiet altru milli sodisfatta. Ġie ampjament muri permezz tar-rapport tekniku kif redatt mill-Perit maħtur mill-Qorti li d-danni subiti fil-garaxx tal-atturi seħħew frott l-ilma li pperkola mill-bitħa interna tal-appartament tal-ewwel sular.

Din il-bitħa, li hija proprjetá tas-Soċjetá konvenuta Small Properties Limited, tħalliet fi stat mitluq, ta' abbandun u "*ta' deterjorazzjoni avvanzata bil-ħitan tad-dawramejt miksi bil-ħażiż*" (ara rikors a' fol 158 u rapport a' fol 131, konstatazzjonijiet para14 u 15). Il-Perit tal-Qorti fir-rigward ta' dan l-appartament fil-paragrafu 7 tal-konklużjonijiet tagħha tgħid ukoll li x-xogħolijiet rimedjali tal-bitħa tal-appartament numru wieħed jammontaw għal elf erbgħa mija u erbgħa u tmenin ewro (€1,484). Dan ovvjament ifisser li apparti għax-xogħolijiet imsemmija aktar 'l isfel fir-rigward tas-Soċjeta' konvenuta l-oħra, in-nuqqasijiet fil-binja ta' din il-bitħa huma wkoll kawża konkomitanti tad-defiċjenzi strutturali li wasslu għall-ilmenti tal-Atturi.

Biex tiġi rriskontrata r-responsabbilita' għal danni kawżati lill-ħaddieħor, l-għemil ta' dak li jkun jista' jikkonsisti f'att ta' kummissjoni jew ommissjoni. Min ma jieħux kura bid-diligenza rikjesta skont il-prinċipju tal-*bonus pater familias* tal-propjeta' tiegħu b'mod li jikkawża dannu lill-ħadd ieħor għandu jwieġeb għal dawk id-danni. Di fatti artikolu 1032. (1) tal-kodiċi Ċivili espressament jipprovdu li "*Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famija".* Kif sewwa osservaw l-awturi **Winfield & Jolowicz fil-pubblikazzjoni tagħhom "On Tort**":

*"Negligence is the ommission to do something which a reasonable man, guided upon those considerations which ordinarily regulate the conduct of*

*human affairs, would do, or doing something which a prudent and reasonable man would not do."* Kaz fejn kien applikat dan il-prinċipju simili għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti hija s-Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Ġenerali **tal-11 ta' Diċembru 2020 Rikors fl-ismijiet Joseph Raymond Aquilina u Stephanie Frendo -vs- Riteanne Bigeni.**

B'dana kollu jidher li l-kawża prinċipali hija b'konsegwenza tal-fatt li m'hemmx floor drain sabiex jiġbor l-ilma tax-xita li jaqa' fl-art tal-bitħa. L-iskular tal-ilma kompla jkun faċilitatat aktar bin-nuqqas ta' konkos mad-dawra tal-pajpijiet li jesporġu minn din il-bitħa , għal ġos-saqaf tal-*forecourt* tal-graxxijiet tal-pjan terran u bil-madum ta' din il-bitħa li tieghed dirett fuq il-ħamrija.

Il-ħsarat subiti minħabba din il-perkolazzjoni komplew jikbru minħabba li l-ġonot ta' bejn il-planki tad-*drive-in* u l-f*orecourt*, jiġifieri s-saqaf tal-garaxx tal-Atturi, ma nbnewx livell mal-wiċċ tal-planki. Dan wassal sabiex maż-żmien dawn il-ġonot therrew u ffurmaw strixxi ta' kanali tal-konkos li fihom kompla jinġemgħa u jiskula l-ilma għal ġol-blata tal-bieb tal-garaxx imsemmi sakemm din xpakkat.

Il-Qorti tagħraf, li b'dan in-nuqqas huwa bi ksur tad-dmir impost mil-liġi taħt l-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili minn min kien inkarigat mill-kostruzzjoni tal-kumpless li minnu l-garaxx in kwistjoni jagħmel parti.

Jirriżulta mill-affidavit tal-Attriċi Marouska Bartolo u mir-riċerki annessi mal-istess bħala Dok MB6 sa' Dok MB19, li s-Soċjetá Konvenuta Bolin Construction Limited kienet bniet il-kumpless imsemmi, inkluż il-garaxxijiet u l-appartamenti sovrastanti (ara a' fol 39 u a' fol 45 sa 63). Għaldaqstant il-Qorti tqis li s-Soċjetá Konvenuta Bolin Construction Limited hija responsabbli għal dawn in-nuqqasijiet imsemmija. Bin-nuqqas tagħha jikkonsisti fost oħrajn f'li tagħmel il-floor drain, f'li twarrab il-ħamrija tal-bitħa u tqiegħed il-konkos speċjalment mad-dawra tal-pajpijiet u f'li tibni l-ġonot ta' bejn il-planki tad-*drive-in* u l-*forecort* livell mal-wiċċ tal-istess planki, is-soċjetá Konvenuta Bolin Construction Limited aġġixxiet in dolo jew culpa fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili.

Il-prevedibilitá li din l-imġieba kolpuża twassal għall-ħsara kaġonata bl-event tal-perkolazzjoni tal-ilma fis-sens tal-insenjament mogħti fis-sentenza ċitata supra, kienet ta' probabbilita' raġonevolissima. Għaldaqstant is-soċjetá konvenuta Bolin Construction Limited għandha tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-ħsara li qed tiġri minħabba n-nuqqasijiet fuq imsemmija.

Minn naħa l-oħra, is-Soċjeta' kjamata in kawża għandha ukoll twieġeb għall-ħsarat sofferti mill-Atturi għar-raġunijiet fuq imsemmija. B'dana li dan l-aħħar Soċjeta' għandha tagħmel tajjeb limitatment għax-xogħolijiet rimedjali li jridu jsiru fil-fond tagħha u dan sal-massimu stabbilit mir-rapport tal-perit f'paragrafu 7. Dan ifisser li s-Soċjeta' Bolin Construction Ltd ser

ukoll ikollha twieġeb sal-massimu tal-ammonti stabbiliti meno dak li hija dovut tħallas is-Soċjeta' kjamata in kawża kif appena spjegat f'dan l-istess paragrafu ta' din is-Sentenza.

Ix-xogħolijiet rimedjali li għandhom isiru huma elenkati fil-paragrafi 7 sa 9 tal-Perit tal-Qorti. Kwantu għax-xogħolijiet li għandhom isiru, għandu jittieħed ukoll kont ta' dak li jgħid il-Perit tal-Atturi Johann Farrugia, dejjem jekk il-Perit tal-Qorti jara ħtieġa għal dan (a' fol 108). F'dan ir-rigward il-Qorti ma hiex qed tobbliga lill-Perit tagħha jimxi mal-lista ta' dawk ix-xogħolijiet iżda li tieħu biss nota tagħha.

Kwantu għad-danni sofferti fil-garaxx tal-atturi, dawn huma dawk indikati mill-Perit tal-Qorti f'paragrafu 8 tar-rapport (a' fol 133). Dawn jammontaw għal sebgħa mitt ewro (€700). F'dan ir-rigward il-Qorti ma hiex ser tkun qed tilqa' il-ħames talba Attriċi. Peress li x-xogħolijiet iridu jsiru **ġewwa** l-garage tal-Atturi u mhux fil-propjeta' tas-Soċjetajiet konvenuti, dawn għandhom isiru minnhom. Dawn ix-xogħolijiet ġew valutati fl-ammont ta' €700. Ovvjament ser ikollhom id-dritt li jirriklamawh mingħand il-Konvenuti.

Il-Qorti qieset ukoll, li l-azzjoni tal-Atturi hija diretta lejn żewġ kumpaniji kummerċjali li f'għajnejn il-liġi huma kummerċanti per eċċellezza. Għalhekk kwantu għall-ispejjeż li jkunu jridu jsiru jekk huma jonqsu li jagħmlu x-xogħolijiet rimedjali ser ikunu ikkundannati jħallsu l-ispejjes inkorsi mill-Atturi solidalment bejniethom bid-dritt ta' rivalsa bejniethom.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara illi s-Soċjetajiet Konvenuti huma responsabbli għall-perkolazzjoni tal-ilma fil-garaxx fuq imsemmi proprjetá tal-atturi, u għalhekk konsegwentement tiddikjarahom responsabbli solidalment bejniethom għad-danni kollha sofferti mill-Atturi bil-konsegwenza tal-istess perkolazzjoni tal-ilma fil-garaxx proprjetá tal-Atturi.

**Tilqa'** t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mill-Atturi fil-garaxx proprjetá tagħhom fl-ammont ta' sebgħa mitt ewro (€700).

**Tilqa'** t-tielet talba u tikkundanna lis-Soċjetajiet Konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Atturi d-danni hekk likwidati.

**Tilqa'** r-raba' talba u tordna lis-Soċjetajiet Konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju ta' xahrejn mid-data ta' din is-sentenza jagħmlu u jeżegwixxu dawk ix-xogħolijiet rimedjali kollha ħlief għal dawk li jridu jsiru <u>ġewwa</u> l-garage tal-Atturi kif fuq indikat u dan skont ir-rapport tal-Perit maħtur mill-Qorti li jinsab a' fol 133 tal-proċess, bis-superviżjoni tal-istess perit.

**Ticħad** il-ħames talba għar-raġunijiet fuq imsemmija.

**Tilqa'** s-sitt talba u tawtorizza lill-Atturi sabiex fl-eventwalitá illi s-Soċjetajiet konvenuti jonqsu milli jwettqu ix-xogħolijiet indikati fir-raba talba fi żmien prefiss, iwettqu x-xogħolijiet rimedjali meħtieġa sia fil-proprjetá tas-soċjetájiet Konvenuti Bolin Construction Limited u Small Properties Limited taħt is-sorveljanza tal-istess perit a spejjeż tas-Soċjetajiet Konvenuti.

L-ispejjez, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali u ittra legali a karigu tas-Soċjetajiet Konvenuti, u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv fuq id-danni kif likwidati fit-tieni talba. Spejjes tal-kawża ukoll solidali bejn is-Soċjetajiet Konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**